MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2012

Numru. 975/2012

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR KEVIN PULIS**

**KONTRA**

**FREDU MANGION ta' 67 sena, iben Pawlu u Maria nee' Cutajar, imwieled Zurrieq nhar is-07.12.1944, residenti fil-fond numru 41, Triq il-Mithna, Zurrieq, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 013845M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Fredu Mangion** li gie akkuzat talli:

1. Nhar il-25 ta' Settembru, 2012, ghall-habta ta' 13.50hrs, gewwa Triq il-Barrieri, Zurrieq, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma

titqiesx vjolenza pubblliku, kontra persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, u cioe' PC 1498 Vincent Gatt u Gwardjan Lokali FO 122 Joseph Mercieca, fil-waqt illi kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghtija skond il-Ligi mill-awtorita' kompetenti;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ingurja, hedded, u ghamel offiza fuq il-persuna ta' PC 1498 Vincent Gatt u Gwardjan Lokali FO 122 Joseph Mercieca, persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq PC 1498 Vincent Gatt u dan skond kif iccertifikat Dr Diana Balzan MD Reg 2111 minn Paola Health Centre;

4. U aktar talli fl-istess data, lok u hin, ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq Gwardjan Lokali FO 122 Joseph Mercieca u dan kif iccertifikat minn Dr Anne Marie Scerri MD Reg 3498 minn Qormi Health Centre;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, naqas milli jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-pulizija;

6. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied.

Rat l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat fl-istadju tal-prezentata b'arrest, u dan wara li gie moghti zmien xieraq skond il-Ligi sabiex jerga' jahseb dwar l-istess.

Rat l-atti kollha.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi wara li rat l-Artikoli 96, 95, 338, 339 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi mputat **Fredu Mangion** hati ta' l-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghal 6 xhur habs sospizi ghal sena(1) u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------